MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2007

Numru 578/2007

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')
Vs
Joseph Bowman

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat detentur ta' karta ta' identita' numru 499076(M), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-21 ta' April 2007 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. minghajr awtorizzazzjoni uza computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor, jew uza, ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk;

2. talli fl-istess perjodu, lok u cirkustanzi, minghajr awtorizzazzjoni ipprevjena jew ostakola d-dhul ghal xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg;
3. aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni gharraq it-thaddim ta' xi sistema, software jew l-integrita' jew affidabilita' ta' xi data;
4. talli fl-istess perjodu, lok u cirkustanzi, minghajr awtorizzazzjoni ha pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamel uzu minnhom;
5. talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni installa, nehha, biddel, ikkancella, qered, varja jew zied ma' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg;
6. talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni uza il- kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' persuna ohra f'computer.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammisjoni fl-liema ammisjoni huwa ppersista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

L-istqarrija tal-imputat tispjega sew il-fatti li taw lok ghall-akkuzi li gew inizjati fuq kwerela tad-ditta tal-Avukati Mamo TCV.

Stante l-ammisjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat l-akkuzi jirrisultaw pruvati.

Rat ghall-finijiet ta' piena l-Artikolu 337C, 337D u 17 tal-Kap. 9. Rat li l-imputat ghandu fedina penali netta. Ghaldaqstant u fic-cirkustanzi tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446.

U l-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------